13 ta' Novembru 2018

# Ir-riforma tal-Kunsilli Lokali
# Il-viżjoni tagħna

Alternattiva Demokratika

# Proposti ta' Alternattiva Demokratika wara l-pubblikazzjoni tal-*White Paper* ippubblikata mill-Gvern

**Introduzzjoni**
3

**A.**
**Proposti fl-2008**
4

**B.**
**Il-Proposti ta' Alternattiva Demokratika llum**
5

**Ċ.**
**L-Attitudni**
6

**D.**
**Il-Prinċipju tas-Sussidjarjetà**
7

**E.**
**Il-Politiċi Lokali**
8-10

**F.**
**Il-Kumitati Amministrattivi**
11

**G.**
**Ir-Reġjuni**
12-15

**H.**
**Sehem il-Kunsilli fuq *issues* ambjentali**
16

**Konklużjoni**
17

# Introduzzjoni

Wara 25 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali hu opportun li neżaminaw din l-esperjenza tal-pajjiż bl-iskop li nidentifikaw dak li hu tajjeb u nsaħħuh, kif ukoll dak li jeħtieġ tibdil ħalli l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jagħtu servizz aħjar. Alternattiva Demokratika taqbel li perjodikament neżaminaw ftit il-ħidma tagħna lkoll għax bla dubju dejjem insibu x'nitgħallmu biex il-ħidma fil-futur tkun aħjar u tħalli frott li minnu tibbenefika l-komunità kollha.

Il-ħidma tal-Kunsilli Lokali tul dawn il-25 sena bla dubju ħalliet impatt pożittiv fuq il-lokalitajiet kollha. Kull waħda mit-68 lokalità hi aħjar: mhux biss aħjar milli kienet fl-1993 meta twaqqfu l-Kunsilli Lokali, imma fuq kollox aħjar milli kienet tkun kieku l-Kunsilli Lokali ma twaqqfux.

# A. Proposti fl-2008

Alternattiva Demokratika dejjem ipparteċipat fid-diskussjoni pubblika dwar riformi ta' din ix-xorta. Meta l-aħħar li saret konsultazzjoni pubblika dwar riforma fil-Kunsilli Lokali, fiż-żmien li kien responsabbli minnhom l-Onor Chris Said, dakinhar Segretarju Parlamentari, Alternattiva Demokratika kienet ippreżentat dokument[1] li kien mexxa l-quddiem 16-il proposta u ċjoè proposti dwar:

- Dritt għall-vot mas-16-il sena,
- Estensjoni tat-terminu tal-Kunsill Lokali,
- Is-Segretarji Eżekuttivi,
- Ir-rwol tas-Sindku,
- Ir-responsabbiltajiet tal-Kunsilliera,
- Remunerazzjoni għall-Kunsilliera kollha,
- Finanzjament tal-Kunsilli Lokali,
- Tenders tal-Kunsilli Lokali,
- Gvern Reġjonali,
- Użu ta' fondi mill-EU,
- Rwol għall-Kunsilli Lokali fil-ħidma tal-MEPA,
- Referendum Lokali dwar proġetti li jeħtieġu EIA,
- Konflitti bejn il-Kunsilli Lokali, l-Awtoritajiet imwaqqfa b'liġi u/jew Dipartimenti tal-Gvern,
- Taħriġ għall-kunsilliera lokali,
- Devoluzzjoni tal-edukazzjoni fuq livell lokali,
- Bye-laws.

[1] **Alternattiva Demokratika**: Proposti dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali. 11 ta' Settembru 2008

# B. Il-proposti ta' Alternattiva Demokratika llum

Uħud mill-proposti li Alternattiva Demokratika għamlet fl-2008, twettqu tul is-snin. Oħrajn oriġinalment ġew injorati imma eventwalment kien hemm min irrealizza li wara kollox kellna raġun. Għalkemm iċ-ċirkustanzi huma differenti, u ilkoll għandna għaxar snin oħra ta' esperjenza, dak kollu li għidna dakinnhar għadu validu anke illum. Għaldaqstant, f'dan id-dokument, Alternattiva Demokratika ser tibni fuq dak li pproponiet fl-2008 fid-dawl kemm tal-esperjenzi ta' dawn l-aħħar snin kif ukoll fil-kuntest ta' dak propost mill-White Paper[2], li għan-nom tal-Gvern qed tiġi pilotata mis-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis.

Mas-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis Alternattiva Demokratika diġa iltaqgħet informalment f'Jannar 2018 fejn kien hemm diskussjoni preliminari dwar kif Alternattiva Demokratika tħares lejn din ir-riforma tal-lum.

[2] **Riforma Gvern Lokali**. *White Paper* maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Ottubru 2018

# Ċ. L-attitudni

L-ewwel materja li għandha tkun indirizzata mir-riforma ma teħtieġ l-ebda emendi għal-liġijiet. Teħtieġ bidla fl-attitudni ta' uħud fit-tmexxija ta' awtoritajiet pubbliċi, korpi nazzjonali inkella Dipartimenti jew agenziji tal-Gvern.

Ma hemm l-ebda dubju dwar l-impenn personali tas-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis favur il-Kunsilli Lokali, mhux biss għax jemmen fihom, imma ukoll għax jaf il-magħmudija politika tiegħu fil-Kunsilli Lokali, fil-Kunsill tar-Raħal Ġdid (Paola). Imma sfortunatament dan mhux rifless fil-mod kif inhuma ttrattati l-Kunsilli Lokali illum il-ġurnata. Insemmu xi eżempji riċenti.

Il-kumpanija tal-Gvern Wasteserve Malta Limited[3] ħalliet lill-Kunsilli Lokali barra mit-tħejjija għall-bidu tal-ġbir tal-iskart organiku fil-pajjiż. Dan wassal għal konfużjoni fit-tqassim fil-lokalitajiet tal-materjal (kontenituri u boroż) konness ma din il-fażi ta' separazzjoni tal-iskart. Konfużjoni li bla dubju setgħet ġiet evitata kieku l-Wasteserve għarfet l-obbligu[4] tagħha li tikkonsulta mal-Kunsilli Lokali fl-istadju li kienet qed tippjana din l-inizjattiva. Ftit sens komun bażiku kien ukoll biżżejjed biex tagħraf il-ħtieġa ta' din il-kooperazzjoni.

Jekk nibqgħu mal-ġbir tal-iskart organiku bħala eżempju l-Wasteserve żmien ilu kienet bdiet proġett pilota f'numru ta' lokalitajiet. Bla dubju minn dan il-proġett kien hemm għarfien u tagħlim ta' kif din il-ħidma setgħet tkun indirizzata bl-aħjar mod kif ukoll identifikazzjoni tad-diffikultajiet prattiċi u tal-attitudnijiet. Imma l-Wasteserve ma ħassietx il-ħtieġa li tgħarraf lill-Kunsilli bil-konklużjonijiet ta' dan il-proġett pilota. Dan hu mhux biss nuqqas amministrattiv imma ukoll nuqqas ta' għarfien bażiku dwar x'ifisser li taħdem bi sħab mal-Kunsilli Lokali. Din l-informazzjoni hi essenzjali għall-kunsilli biex jagħrfu jaħdmu aħjar. Imma ma ngħatatilhomx.

Il-Kunsilli Lokali huma prattikament injorati meta jittieħdu d-deċiżjonijiet li jeffettwaw l-użu ta' art pubblika fil-lokalitajiet. Dan ma jgħoddx biss għal deċiżjonijiet dwar fejn jitqegħdu imwejjed u siġġijiet assoċjati ma restoranti, *snack bars* jew ħwienet tax-xorb, liema deċiżjonijiet qed joħolqu ħafna problemi fi prattikament il-lokalitajiet kollha. Jgħodd ukoll għal deċiżjonijiet dwar proġetti kbar li jirrikjedu studji dwar l-impatti ambjentali li dwarhom il-Kunsilli Lokali għandhom leħen solitarju fil-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar bi dritt għal vot wieħed[5]. Vot li ġeneralment jintradam taħt il-bqija tal-voti li fil-parti l-kbira tagħhom huma voti konsistentement eżerċitati favur ix-xewqat tal-industrija tal-kostruzzjoni u l-iżvilupp.

L-istess jgħodd għal numru kbir ta' oqsma oħra li dwarhom il-Kunsilli Lokali ftit jitqiesu huma u jitfasslu kwalunkwe xorta ta' proposta. Huwa mhux biss essenzjali, iżda fundamentali, li din l-attitudni tinbidel għax il-Kunsilli Lokali huma katina importanti fit-tmexxija tal-pajjiż. Kultant, imma, sfortunatament, iktar jitqiesu bħala l-*front desk* tal-*customercare* tad-dipartimenti tal-gvern.

**Il-proposta numru 1 ta' Alternattiva Demokratika għaldaqstant hi li: hemm bżonn impenn ikbar mill-Gvern biex permezz tad-dipartimenti, aġenziji u awtoritajiet imwaqqfa b'liġi l-Kunsilli Lokali jkunu kkonsultati u involuti minn kmieni f'dak kollu li jikkonċerna lill-lokalitajiet.**

3 www.wasteservemalta.com

4 L-Att dwar Kunsilli Lokali diġa jipprovdi għal dan fil-paragrafu (i) tas-subartiklu 33(1) li jipprovdi "li jagħti parir lil, u meta dan ikun japplika, li jkun ikkonsultat minn kull awtorità li jkollha s-setgħa li tieħu xi deċiżjonijiet li direttament jew indirettament jolqtu l-Kunsill u lir-residenti li jkun responsabbli għalihom"

5 Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp artiklu 63(2) (h) li jipprovdi li fost oħrajn il-Bord tal-Ippjanar ikollu bħala membru tiegħu "membru magħżul mill-Kunsill Lokali li fil-limiti tiegħu jkun hemm applikazzjoni għal proġett kbir, liema membru għandu jiġi kkunsidrat bħala membru tal-Bord tal-Ippjanar biss meta l-Bord tal-Ippjanar ikun qed jiddelibera u jiddeċiedi applikazzjoni għal proġett kbir fil-limiti ta' dak il-Kunsill Lokali partikolari. Fil-każ fejn proġett kbir ikun jinsab fil-limiti ta' aktar minn Kunsill Lokali wieħed, il-membru għandu jiġi magħżul minn fost il-persuni magħżula mill-Kunsilli Lokali rispettivi li fil-limiti tagħhom tinsab applikazzjoni għal proġett kbir"

# D. Il-prinċipju tas-sussidjarjetá

Il-*White Paper* qed tipproponi li l-liġi li tirregola l-Kunsilli Lokali ma tibqax imsejħa Att dwar il-Kunsilli Lokali imma li dan l-isem jinbidel u jsir Att dwar il-Gvern Lokali[6]. Tipproponi ukoll li jkun hemm emenda kostituzzjonali[7] biex taġġorna l-Kapitlu XA tal-Kostituzzjoni, li kien introdott fl-2001, mal-proposti tal-lum u b'mod partikolari maż-żewġ saffi ta' Gvern Lokali, dak lokali u dak reġjonali.

Dawn iż-żewġ proposti huma bla ebda dubju ta' natura kosmetika u ma jkun fihom l-ebda siwi jekk ma jkunux rifless ta' attitudni li tirrispetta d-diċentralizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika. Jeħtieġ li lkoll nifhmu illi l-Gvern Lokali, fil-forom kollha tiegħu, hu t-twettieq tal-prinċipju tas-sussidjarjetà[8], prinċipju bażiku għal kull demokrazija.

Alternattiva Demokratika ma għandha l-ebda diffikulta dwar dawn iż-żewġ proposti imma għad mhiex konvinta li l-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu ħafna segwaċi fl-amministrazzjoni pubblika ta' pajjiżna. Huwa neċessarju li tinbet kultura ġdida fl-amministrazzjoni pubblika li tħaddan il-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-oqsma kollha. Dan għandu jkun rikonoxxut bħala prinċipju bażiku tad-demokrazija tagħna.

Alternattiva Demokratika għaldaqstant tipproponi emenda kostituzzjonali li tpoġġi l-prinċipju tas-sussidjarjetà bħala linja gwida kostituzzjonali u punt ta' referenza għall-amministrazzjoni pubblika. L-istess kif illum il-ġurnata jagħmlu t-trattati Ewropej sa mit-trattat ta' Maastricht u kkonsolidata permezz tat-trattat ta' Liżbona.[9] Għandna nfittxu l-konsistenza. L-insistenza li l-Unjoni Ewropea timplimenta dejjem iżjed il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandna nżewġuha ma determinazzjoni li dan jitħalla jrabbi egħruq fondi f'pajjiżna ukoll.

**Il-proposta numru 2 ta' Alternattiva Demokratika għaldaqstant hi li: l-prinċipju tas-sussidjarjetá għandu jingħata għarfien kostituzzjonali bħala linja gwida għall-amministrazzjoni pubblika ta' pajjiżna.**

6 **Riforma Gvern Lokali**. *White Paper* proposta numru 10, paġna 21

7 Ibid proposta numru 11, paġna 22.

8 Il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa prinċipju ta' organizzazzjoni soċjali li jfisser li d-deċiżjonijiet politiċi u soċjali, safejn hu possibli, jittieħdu l-eqreb possibli lejn dawk effettwati.

9 Trattat ta' Liżbona artiklu 5(3): Under the principle of subsidiarity, in areas which do not fall within its exclusive competence, the Union shall act only if and in so far as the objectives of the proposed action cannot be sufficiently achieved by the Member States, either at central level or at regional and local level, but can rather, by reason of the scale or effects of the proposed action, be better achieved at Union level.

# E. Il-politiċi lokali

Diversi proposti fil-*White Paper* u fid-diskussjoni pubblika huma dwar ir-rwol tal-politiċi lokali. Huwa pożittiv ħafna li l-*White Paper* qed tipproponi li jkun hemm l-obbligu li l-kunsilliera eletti jkunu assenjati responsabbiltajiet[10] li uħud minnhom ġew indikati fil-*White Paper* stess.

Alternattiva Demokratika hi sodisfatta li qed issir din il-proposta mhux biss għax hi proposta tajba minnha innifisha imma għax Alternattiva Demokratika ilha tinsisti dwarha għal dawn l-aħħar għaxar snin. Fil-fatt waqt il-konsultazzjoni pubblika li saret fl-2008 Alternattiva Demokratika kienet ipproponiet hekk:

> "Għandu jkun assigurat illi kull kunsillier fil-Kunsilli Lokali jingħata qasam jew oqsma ta' responsabbiltà. M'għandux ikun possibli għal xi Sindku li jeskludi lil xi wieħed jew iktar mill-Kunsilliera eletti milli jkun direttament responsabbli lejn il-Kunsill għal xi qasam partikolari."[11]

Dan hu pass tajjeb għax il-votanti fil-lokalitajiet jeleġġu lill-kunsilliera kollha biex imexxu flimkien il-lokalità. Ħadd minnhom ma għandu jkun eskluż għax kollha huma rappreżentanti eletti. Huwa essenzjali li kull kunsillier jingħata spazju biex ikun jista' jsarraf il-mandat li jkun ingħatalu mill-elettorat.

L-elettorat jeleġġi pluralità ta' kunsilliera għax il-kunsill lokali m'hux il-post għal *one-man-show*. Il-kunsill hu magħmul mill-kunsilliera eletti lkoll flimkien. Dan jorbot mal-proposta dwar jekk is-Sindku għandux ikun *full-time*. Toħroġ waħedha l-mistoqsija, għaliex is-Sindku? Il-Viċi Sindku u l-kunsilliera l-oħra huma tas-sekonda klassi? Mhux lkoll huma eletti mill-istess elettorat?

It-tweġiba li ngħatat minn diversi tindika li għad ma hemmx għarfien biżżejjed dwar kif il-Kunsilli Lokali tagħna jaħdmu. Din mhiex tweġiba li ngħatat mill-*White Paper* imma mid-diskussjoni pubblika li għaddejja, b'mod partikolari minn dawk fil-politika jew viċin tagħha.

Qed jingħad li Sindku *full-time* ifisser li hu (jew hi) jkun jista' jagħti l-kontribut tiegħu 100%. Kieku dan hu minnu, allura, jkun ifisser u jwassal għall-konklużjoni loġika li l-kunsilliera l-oħra eletti mhux ser ikun possibli għalihom li jagħtu s-sehem tagħhom 100%.

Kif, nistaqsu, ser ikun possibli għas-Sindku li jagħti s-sehem tiegħu (jew tagħha) 100%? Ovvjament dan ikun jista' jsir billi jinvolvi ruħu direttament fil-ħidma ta' kuljum tal-Kunsill Lokali. Imma, forsi uħud ma jafux li għal dan l-iskop kull Kunsill Lokali diġà għandu Segretarju Eżekuttiv li huwa ċ-*Chief Executive* tal-Kunsill Lokali. Il-liġi, fil-fatt, tiddeskrivi lis-Segretarju Eżekuttiv bħala "il-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill Lokali."[12] Xogħolu hu li jwettaq jew jara li jitwettqu d-deċiżjonijiet tal-Kunsill u dan in konformitá mal-liġijiet u mar-regolamenti finanzjarji.

Għal dan l-iskop diversi drabi s-Segretarju Eżekuttiv ikun jeħtieġlu jiggwida lill-kunsilliera, individwalment jew waqt laqgħa tal-Kunsill, dwar proposti li jkunu saru imma li ma jkunux jistgħu jitwettqu inkella li ma jkunux jistgħu jitwettqu kif maħsub oriġinalment.

[10] **Riforma Gvern Lokali**. *White Paper*: proposta numru 6, paġna 17

[11] **Alternattiva Demokratika: Proposti dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali**. 11 ta' Settembru 2008. Proposta numru 5.

[12] Att dwar Kunsilli Lokali: artiklu 52.

Fil-fehma ta' Alternattiva Demokratika ma hemmx lok għal żewġt irjus fit-tmexxija tal-kunsilli lokali. Jekk dan iseħħ ser jinħolqu bosta konflitti li jistgħu u għandhom ikunu evitati. Min isegwi sewwa l-ħidma tal-Kunsilli Lokali jaf li fil-passat ġieli seħħew konflitti meta kien hemm xi Sindki li ippruvaw jieħdu f'idejhom il-funzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv biex jibqgħu għaddejjin minn fuq kulħadd. Fortunatament dawn il-każi ftit li xejn nisimgħu bihom illum: saru rarità.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali għandhom funzjoni differenti, imma funzjoni li hi kumplimentari.

Il-funzjonijiet tas-Sindku huma mifruxa fil-partijiet differenti tal-liġi. Essenzjalment huwa (jew hija) tmexxi u tagħti direzzjoni lill-Kunsill Lokali, ġeneralment a bażi tal-linji gwida u programm elettorali tal-partit politiku li f'ismu jkun (jew tkun) ikkontesta l-elezzjoni. Is-Sindku hu għaldaqstant il-kap politiku tal-kunsill u hu mistenni li jagħti direzzjoni politika lill-ħidma tal-Kunsill. F'dan hu jkun sostnut mill-kunsilliera eletti bħalu (jew bħalha) f'isem l-istess partit politiku. Fil-parti l-kbira tal-kazi jkollu ukoll l-appoġġ tal-bqija tal-kunsilliera għax fir-realtá fil-kunsilli ftit u rari ħafna jkun hemm qasma mnebbħa minn politika partiġġjana. Mhux għax ma jkunx hemm differenzi ta' opinjoni u kultant argumentazzjoni sħuna ukoll. Imma dan, fil-parti l-kbira tal-każi, kuntrarjament għall-impressjoni ġenerali li tingħata mhux il-kaz.

Dan ifisser li hemm bilanċ strett bejn il-funzjonijiet tas-Sindku u dawk tas-Segretarju Eżekuttiv. Tal-ewwel jagħti direzzjoni politika u tat-tieni jeżegwixxi d-deċiżjonijiet tal-Kunsill u jittraduċi d-direzzjoni li jingħata (jew tingħata) fil-ħidma ta' kuljum tal-kunsill. Dan il-bilanċ jitħarbat b'Sindku *full-time*. Għax Sindku *full-time* neċessarjament jassumi l-funzjoni ta' *Chief Executive* u dan irrispettivament minn jekk ikollux it-tħejjija, l-kwalifiki u t-taħriġ għal dan. Dan kuntrarjament għall-għarbiel dwar kompetenza li jgħaddi minnu kull Segretarju Eżekuttiv qabel ma dan jew din jinħatar/tinħatar.

Kunsill Lokali li jkollu Segretarju Eżekuttiv li kapaċi jagħmel xogħolu sewwa huwa l-ikbar assigurazzjoni li l-kunsill jista' jagħmel xogħolu bl-iktar mod effettiv u għaldaqstant iwieżen lis-Sindku irrispettivament mill-orjentazzjoni politika tiegħu.

Il-proposta biex is-Sindku jkun *full-time* għandha implikazzjonijiet oħra ta' natura gravi.

Jekk ser ikun hemm l-obbligu li s-Sindku jkun *full-time*, jiġifieri jitlaq ix-xogħol normali tiegħu biex jiddedika l-ħin tiegħu kollu għall-ħidma tal-kunsill, ser ikunu esklużi diversi persuni minn din il-kariga. Ser ikunu esklużi dawk kollha li għandhom impieg tajjeb, b'mod partikolari dawk fil-professjonijiet jew f'pożizzjonijiet maniġerjali. Dawn kollha ma jistgħux jitilqu l-impieg normali tagħhom mhux biss neċessarjament minħabba nuqqas ta' dħul imma għax l-esperjenza kontinwa fuq ix-xogħol għalihom hi essenzjali fl-iżvilupp tal-karriera tagħhom. Ser ikunu esklużi ukoll iż-żgħażagħ għax dawn ikunu okkupati jew fuq studju inkella jkun fil-bidu ta' esperjenza ta' impieg. Ma jistgħux f'etá żgħira jinqatgħu mit-tagħlim u/jew mix-xogħol. Din wara kollox hi ukoll l-iskop tal-garanzija żgħażagħ intiża biex ż-żgħażagħ ikunu mgħejjuna jsibu posthom fis-soċjetá.

Għal dawn ir-raġunijiet ma hemmx lok għal politiċi *full-time* fuq livell lokali.Ikun iktar għaqli li neżaminaw kif il-kunsilliera kollha jistgħu jinvolvu ruħhom, dejjem iktar, fil-ħidma tal-kunsill. Iktar importanti li tkun inkoraġġita l-kolleġjalità milli jkun inkoraġġit il-primadonniżmu.

L-ewwel nett għandu jkun indirizzat ir-rwol tal-Viċi Sindku. Il-liġi nnifisha tiddetermina li l-Viċi Sindku jissostiwixxi lis-Sindku meta dan ikun indispost[13]. Apparti dan, huwa (jew hija), ġeneralment issir awtomatikament Sindku jekk dan (jew din) għal xi raġuni jispiċċa mill-kariga[14]. Huwa għaldaqstant fl-interess ta' amministrazzjoni pubblika effiċjenti li l-Viċi Sindku jkun kontinwament ippreparat (jew ippreparata) billi jkun involut fit-tmexxija tal-kunsill. Dan għandu jkun rifless kemm fir-responsabbiltajiet assenjati mis-Sindku, jew mill-kunsill innifsu, lill-Viċi Sindku, kif ukoll billi dan (jew din) jirċievi onorarju raġjonevoli, per eżempju nofs l-onorarju li jirċievi s-Sindku[15] u dan f'kuntrast mal-€1,200 fis-sena[16] li jirċievi illum il-ġurnata.

Hemm ċaqlieq żgħir fis-sens li l-onorarju tal-kunsilliera qed ikun propost li jiżdied minn €1,200 għal €2,400 u li dan jitħallas iktar spiss[17]. Dan hu pass tajjeb imma mhux biżżejjed.

Għaxar snin ilu Alternattiva Demokratika ipproponejna li:

> "Il-Kunsilliera kollha għandhom ikollhom rimunerazzjoni xierqa li tikkumpesshom kemm għall-fatt li biex jaqdu l-inkarigu tagħhom ħafna drabi jonqsilhom id-dħul mill-impieg tagħhom għax ma jkunx possibbli li jaħdmu s-sahra, kif ukoll minħabba spejjeż li jkollhom bħall-użu ta' karozza jew telefon ċellulari fuq xogħol tal-Kunsill."[18]

L-introduzzjoni tal-kumpens tal-€1,200 fis-sena fl-2010 kien pass il-quddiem. Hemm bżonn li issa nagħmlu pass ikbar li bih nivvalorizzaw il-ħidma ta' kull kunsillier u dan billi jkun stabilit il-ħlas ta' onorarju lil kull Kunsillier. Kumpens żgħir imma raġjonevoli li ma jkunx sempliċiment rinbors ta' spejjes imma kumpens għall-fatt li l-impenn tiegħu jew tagħha fil-kunsill jeffettwa ukoll l-introjtu tal-familja tiegħu jew tagħha.

**Il-proposta numru 3 ta' Alternattiva Demokratika għaldaqstant hi li: tkun inkoraġġita l-kolleġjalitá u dan billi ir-rwol ta' kull kunsillier ikun apprezzat iktar mhux biss bl-assenjazzjoni obbligatorja ta' responsabbiltajiet lil kull Kunsillier imma ukoll billi l-għoti ta' onorarju raġjonevoli ma jsirx biss lis-Sindku imma ukoll kemm lill-Viċi Sindku kif ukoll lill-kunsilliera kollha.**

13 Att dwar Kunsilli Lokali: artiklu 4(4)

14 Ibid artiklu 31

15 L-onorarju li jirċievi s-Sindku hu determinat mill-artiklu 32 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali u jvarja bejn terz u żewġ terzi tal-onorarju ta' Membru Parlamentari. Apparti dan Sindku jitħallas ukoll allowance ta' €1600 fis-sena skond kif provdut fir-**Regolamenti dwar Allowance lis-Sindki u lill-Kunsilliera Lokali**, regolament 3(1) (Leġislazzjoni Sussidjarja 363.147)

16 **Regolamenti dwar Allowance lis-Sindki u lill-Kunsilliera Lokali**, regolament 3(2)

17 Is-sors ta' din l-informazzjoni hu diskors ta' Natalino Attard Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali waqt Laqgħa Plenarja Straordinarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li saret nhar it-22 t'Ottubru 2018 fil-Lukanda Dolmen Buġibba.

18 **Alternattiva Demokratika: Proposti dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali**. 11 ta' Settembru 2008. Proposta numru 6.

# F. Il-Kumitati Amministrattivi

Il-White Paper qed tipproponi li jkunu xolti l-Kumitati Amministrattivi.
Dawn ġew imwaqqfa fl-2010 meta kienu twaqqfu 16-il Kumitat Amministrattiv.

Hu fatt rikonoxxut li fir-realtá uħud mill-Kumitati Amministrattivi ma ħadmux.
Dan, iżda, fil-fehma ta' Alternattiva Demokratika ma jiġġustifikax ix-xoljiment tagħhom imma għandu jwassal għal konsiderazzjoni ta' mod alternattiv ta' kif ikunu organizzati.

Minflok ma nużaw il-fatt li uħud mill-Kumitati Amministrattivi ma ħadmux biex ikun ġustifikat li jkunu aboliti l-Kumitati Amministrattivi kollha, Alternattiva Demokratika tagħżel li tħares lejn il-Kumitati Amministrattivi li rnexxew. Għandna l-obbligu li nibnu fuq is-suċċess tal-Kumitati Amministrattivi li rnexxew u mhux fuq dawk li ma rnexxewx. Nifhmu li livell ta' impenn ivarja minn lokalitá għall-oħra. Imma anke fejn l-impenn kurrenti hu fjakk hu possibli li din hi sitwazzjoni faċilment tista' tinbidel biż-żmien.

Għaldaqstant Alternattiva Demokratika tipproponi li l-Kumitati Amministrattivi ma jkunux xolti imma flok ma jkunu kostitwiti direttament bis-saħħa tal-liġi jew ta' leġislazzjoni sussidjarja għandhom ikunu l-Kunsilli Lokali infushom li jiddeċiedu minn żmien għall-żmien (minn jeddhom jew wara inizjattiva popolari) dwar fejn dawn għandhom ikunu kostitwiti. B'hekk ma nnaqqsux il-possibiltà li iktar nies jimpenjaw ruħhom.

**Il-proposta numru 4 ta' Alternattiva Demokratika għaldaqstant hi li:
l-Kumitati Amministrattivi m'għandhomx ikunu aboliti imma l-poter biex ikun hemm tali Kumitati Amministrattivi għandu jgħaddi direttament f'idejn il-Kunsilli Lokali infushom li jiddeċiedu huma fejn, jekk u meta dawn għandhomx ikunu kostitwiti.**

# G. Ir-Reġjuni

Ir-reġjuni għandu jkollhom rwol importanti. Id-daqs ta' reġjun u l-komposizzjoni tiegħu m'għandux ikun eserċizzju ta' *gerrymandering* biex bħala riżultat tiegħu ikun faċilitat il-kontroll effettiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.[19] Jekk meħtieġ għandu jkun revedut il-mod kif tkun kostitwita l-Assoċjazzjoni.

Il-kriterju bażiku għall-formazzjoni ta' reġjun għandhom ikunu l-karatteristiċi taż-żona, fattur li mhux dejjem jinstab la fir-reġjuni kif jeżistu illum u l-anqas fil-mod kif inhuma proposti. Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li l-mod kif inhuma mqassma l-pjani lokali tal-Awtorità tal-Ippjanar joffri bażi ħafna aħjar għall-formazzjoni ta' reġjuni li jkunu iktar omoġenji.

Illum hemm ħames reġjuni u l-*White Paper* qed tipproponi li jkun hemm sitta. Fiż-żewġ kazi Għawdex hu meqjus bħala reġjun għalih.

Il-pjani lokali jaqsmu lil Malta u Għawdex f'sebgħa kif jidher fil-Mappa 1. Wieħed minn dawn il-pjani imma, dak għall-Bajja ta' Marsaxlokk hu għal area żgħira ħafna (Birżebbuġa u Marsaxlokk) u sar fi żmien meta l-Awtorità tal-Ippjanar kellha l-ħsieb li jkun hemm 24 żona differenti għal pjani lokali[20]. A bażi ta' dan it-tqassim Alternattiva Demokratika tipproponi li jkun hemm sitt pjani lokali imqassmin kif ġej:

- Ir-**Reġjun tal-Port** magħmul minn dawn il-lokalitajiet: Il-Belt Valletta, Floriana, Il-Marsa, Bormla, Il-Birgu, l-Isla, Il-Kalkara.[21]
- Ir-**Reġjun tan-Nofsinnhar** magħmul minn Birżebbuġa, Il-Fgura, Il-Gudja, Ħal-Għaxaq, Ħal-Kirkop, Ħal-Luqa, L-Imqabba, Marsaskala, Marsaxlokk, Paola, Qrendi, Ħal-Safi, Is-Siġġiewi, Santa Luċija, Iż-Żejtun, Iż-Żurrieq.[22]
- Ir-**Reġjun tal-Majjistral** magħmul minn Mellieħa, San Pawl il-Baħar, In-Naxxar, L-iMdina, L-iMġarr, Ir-Rabat, L-iMtarfa u Ħad-Dingli.[23]
- Ir-**Reġjun tal-Lvant** magħmul minn Il-Gżira, Ta' Xbiex, L-Msida, Il-Pietà, Pembroke, Paceville, San Ġwann, Tas-Sliema, San Ġiljan, is-Swieqi.[24]
- Ir-**Reġjun Ċentrali** magħmul minn Ħ'Attard, Ħal-Balzan, Birkirkara, Ħal-Għargħur, Il-Ħamrun, L-Iklin. Ħal-Lija, Il-Mosta, In-Naxxar, Ħal-Qormi, Santa Venera.[25]
- Ir-**Reġjun ta' Għawdex** magħmul mil-lokalitajiet kollha tal-gżira Għawdxija.

Din il-proposta tvarja minn dik tal-*White Paper*.

[19] Leġislazzjoni Sussidjarja 363.06: **Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali**. Il-komposizzjoni tal-kumitat dirigenti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali huwa dipendenti ħafna fuq il-mod kif ikunu iffurmati r-reġjuni. Skond ir-regolament 6(1)(ċ) fil-fatt ħamsa mid-disgħa membri tal-Kumitat tal-assoċjazzjoni huma eletti biex jirrappreżentaw il-ħames reġjuni li hemm illum.

[20] ***Structure Plan for the Maltese Islands***. *Ministry for the Development of Infrastructure. Planning Services Division.* 1990. Paragrafu 4.3, paġna 14.

[21] Il-proposta għal dan ir-reġjun hi identika għall-komposizzjoni tal-pjan lokali imsejjaħ *Grand Harbour Local Plan* bl-eċċezzjoni ta' Kordin, zona industrijali, li ma hemm l-ebda Kunsill Lokali assoċjat magħha.

[22] Il-proposta għal dan ir-reġjun tiġbor flimkien il-lokalitajiet għal żewġ pjani lokali: dak tan-Nofsinnhar u dak għall-Bajja ta' Marsaxlokk.

[23] Il-proposta għal dan ir-reġjun hi identika għall-komposizzjoni tal-pjan lokali imsejjaħ *North West Local Plan* bl-eċċezzjoni għall-lokalità tal-Baħrija li hi inkorporat fil-Kunsill Lokali tar-Rabat.

[24] Il-proposta għal dan ir-reġjun hi identika għall-komposizzjoni tal-pjan lokali imsejjaħ *North Harbours Local Pla*n.

[25] Il-proposta għal dan ir-reġjun hi identika għall-komposizzjoni tal-pjan lokali imsejjaħ *Central Local Plan*.




*Mappa 1: It-tqassim taż-żoni li jiffurmaw il-pjani lokali tal-lum*

Ir-reġjuni proposti m'hemmx ħtieġa li jkunu tal-istess daqs. Imma hemm ħtieġa ta' omoġenejità u dan billi, safejn hu possibli, jinstabu similaritajiet li jgħinu kemm biex ir-reġjuni jkollhom identità li tingħaraf u tinħass kif ukoll biex tkun faċilitata l-ħidma tal-istess reġjuni.

Il-propost **Reġjun tal-Port**, per eżempju, għandu jkollu kemm il-vokazzjoni marittima kif ukoll l-iżvilupp urban u l-bini storiku fil-parti l-kbira tiegħu bħala fattur li jikkontribwixxi għat-tiswir tal-identità tar-reġjun. Ir-reġjun kif propost mill-Gvern fil-White Paper hu iktar vast[26] u jista' jkun ta' xkiel biex tkun żviluppata l-identità bażika ta' dan ir-reġjun: dik marittima kif imsawwra mill-Port il-Kbir.

Il-propost **Reġjun għall-Majjistral** għandu meded kbar ta' raba' jdawru l-lokalitajiet u fil-parti l-kbira tagħha hi użata għall-agrikultura. Min-naħa l-oħra l-proposti **Reġjun tal-Lvant** kif ukoll **Reġjun Ċentrali** huma predominantement reġjuni urbani. Ir-reġjuni l-oħra ukoll għandom karatteristiċi tagħhom li għandhom iservu biex jagħtu identità lill-kull reġjun.

[26] Ir-Reġjun numru 4 hu propost li jkun kompost hekk: Il-Birgu, Bormla, L-Isla, Il-Fgura, Floriana, il-Kalkara, Il-Marsa, Santa Luċija, Paola, Tal-Pietà, il-Belt Valletta, Ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar u Ħal-Tarxien.

Il-*White Paper* titkellem dwar diversi responsabbiltajiet li għandhom ikunu assenjati lill-kunsilli reġjonali fosthom:

- koordinazzjoni tal-proċess tal-immaniġjar tal-iskart,[27]
- separazzjoni tal-iskart fl-iskejjel bi sħab mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni,[28]
- responsabbiltajiet fil-qasam soċjali,[29]
- assistenza lill-Kunsilli Lokali, inkluż dwar utilizzazzjoni aħjar ta' fondi tal-Unjoni Ewropea,[30]
- involviment f'riċerka,[31]
- riċerka xjentifika dwar l-impatt ta' servizzi offruti fuq ir-residenti,[32]
- koordinazzjoni ta' attività sportiva,[33]
- iktar aċċessibilità għall-bereġ fuq bażi regjonali, inkluż tfassil ta' qafas regolatorju bejn ir-reġjuni u l-Ministeru għas-Saħħa,[34]
- koordinazzjoni biex il-faċilitàjiet tal-iskejjel ikunu jistgħu jintużaw mill-komunità wara l-ħin tal-iskola,[35]
- responsabbiltà għal monumenti mhux nazzjonali, [36]
- involviment fl-immaniġjar tal-postijiet u siti tal-Gvern vojta fil-lokalitajiet,[37]
- responsabbiltà għall-manutenzjoni taz-zoni madwar il-*Housing Estates*,[38]
- kollaborazzjoni akbar mal-Pulizija u l-LESA.[39]

Il-lista hi twila u impressjonanti.

Alternattiva Demokratika taqbel li d-doveri tar-reġjun għandhom ikunu l-iktar wiesa' possibli. Anzi Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li l-pajjiż għandu jibda t-triq gradwali ta' diċentralizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiż kull fejn dan hu possibli. Il-Gvern għandu jassumi l-funzjoni ta' regulatur bil-Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Reġjonali jassumu r-rwol ta' operaturi tas-servizzi kollha possibli.

27 *White Paper* paġna 9, para 1.6

28 Ibid para 1.6.6

29 Ibid para 1.7

30 Ibid paġna 10, para 1.8 u para 1.9

31 Ibid para 1.10

32 Ibid para 1.10.1

33 Ibid para 1.11

34 Ibid para 1.12

35 Ibid para 1.13

36 Ibid para 1.14

37 Ibid paġna 11, para 1.16

38 Ibid para 1.17

39 ibid para 1.18

Ir-riforma għandha għaldaqstant minflok ma tiddiċentralizza biċċa biċċa, kultant, l-amministrazzjoni pubblika, għandha tħabbar l-oġġettiv ta' diċentralizzazzjoni fil-prinċipju kull fejn dan hu possibli u dan a bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà[40]. Imbagħad, gradwalment skond pjan li jitfassal isseħħ il-migrazzjoni ta' responsabbiltajiet mingħand il-Gvern Ċentrali għal għand il-Gvern Lokali u l-l-Gvern Reġjonali skond il-każ.

Biex dan iseħħ it-tmexxija reġjonali għandha tkun waħda demokratika fejn mhux biss il-President tar-Reġjun ikun elett[41] direttament min-nies imma ukoll kull membru tal-Kunsill Reġjonali.

Għall-istess raġunijiet imfissra iktar il-fuq fil-kapitlu E intitolat Il-politiċi lokali, Alternattiva Demokratika ma taqbilx li l-politiċi fuq livell reġjonali jkunu *full-time*.

**Il-proposta numru 5 ta' Alternattiva Demokratika għaldaqstant hi li: kull fejn hu possibli għandha tkun diċentralizzata l-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiż u dan a bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.**

**Il-proposta numru 6 ta' Alternattiva Demokratika għaldaqstant hi t-tmexxija kollha tal-Kunsill Reġjonali għandha tkun waħda demokratika u dan billi kemm il-President kif ukoll il-membri tal-Kunsill Reġjonali jkunu soġġetti għall-vot popolari. L-ebda wieħed/waħda mill-politiċi reġjonali ma jkun *full-time*.**

[40] Ara iktar il-fuq Taqsima D: **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà.**

[41] White Paper paġna 11 para 1.5

# H. Sehem il-Kunsilli fuq *issues* ambjentali

Iktar il-fuq[42] emfasizzajna li l-Kunsilli Lokali huma prattikament injorati meta jittieħdu d-deċiżjonijiet li jeffettwaw l-użu ta' art pubblika fil-lokalitajiet. Dan jgħodd ukoll għal materji ambjentali.

Diġa ittieħdu passi biex ikun hemm involviment ta' Kunsilli Lokali fejn ikun hemm proġetti ta' ċertu kobor. Illum Kunsill Lokali għandu l-opportunità li dwar proġetti kbar li jirrikjedu studji dwar l-impatti ambjentali li jipparteċipa dwarhom fid-deliberazzjonijiet tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar billi jinnomina membru addizzjonali fil-Bord tal-Awtorità bi dritt għall-vot wieħed[43]. Vot li jintradam taħt il-bqija tal-voti li fil-parti l-kbira tagħhom huma voti konsistentement eżerċitati favur ix-xewqat tal-industrija tal-kostruzzjoni u l-iżvilupp.

Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li għandhom ikunu kkunsidrati proposti oħra li jagħtu sehem ikbar u iktar deċiżiv kemm lill-lokalitajiet kif ukoll lir-reġjuni meta jkunu qed ikunu ikkunsidrati proposti għal proġetti kbar.

Fil-Manifest Elettorali tal-2017, kif ukoll fil-Manifest tal-2013, Alternattiva Demokratika kellha proposta speċifika li ser terġa' tippreżenta għad-diskussjoni. Il-proposta kienet is-segwenti:

> "L-impenn għall-ħarsien ambjentali jissaħħah u għandu jingħata poter lill-Kunsilli Lokali biex permezz ta' referenda lokali jkunu jistgħu jwaqqfu proġetti barra miż-żona tal-iżvilupp sakemm dawn ma jkunux proġetti ta' ħtieġa nazzjonali li jkollhom l-approvazzjoni tal-Parlament. Dan hu mod prattiku kif jitqiegħed fil-prattika l-prinċipju tas-sussidjarjetà u dan billi l-poter deċiżjonali jkun mill-iktar viċin ta' dawk milquta."[44]

Din il-proposta tfisser li l-Kunsill Lokali għandu jkollu rwol deċiżiv, u mhux wieħed marġinali, meta tittieħed id-deċiżjoni.

Ikun għaqli ukoll li meta proġett jeffettwa iktar minn lokal wieħed, ikunu l-lokalitajiet kollha effettwati li jkollhom id-dritt li jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjoni.

Il-ħarsien tal-ambjent (inkluż l-ippjanar għall-użu tal-art) huwa wieħed mill-oqsma li hu possibli u prattiku li jkun soġġett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà billi deċiżjonijiet dwaru jittieħdu l-iktar viċin possibli ta' dawk kollha effettwati. Huwa qasam li jagħmel ħafna sens li fih il-Kunsilli Reġjonali jkunu l-operaturi u l-amministrazzjoni ċentrali tkun ir-regolatur.

**Il-proposta numru 7 ta' Alternattiva Demokratika għaldaqstant hi li l-Kunsilli Lokali għandhom jingħataw rwol deċiżiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar proġetti maġġuri.**

**Il-proposta numru 8 ta' Alternattiva Demokratika għaldaqstant hi li l-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jkun applikat għall-ħarsien tal-ambjent (inkluż l-ippjanar għall-użu tal-art). L-awtoritajiet ċentrali jżommu r-rwol ta' regolatur u l-funzjoni operativa tgħaddi f'idejn il-Gvernijiet Reġjonali.**

[42] Ara iktar il-fuq Taqsima Ċ: **L-attitudni**

[43] Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp artiklu 63(2) (h)

[44] Alternattiva Demokratika: Manifest Elettorali 2017 paġna 10

# Konklużjoni

Dawn il-proposti ta' Alternattiva Demokatika jipproponu viżjoni olistika li ċċaqlaq il-poter amministrattiv minn fejn qiegħed, il-bogħod miċ-ċittadin, sa l-eqreb possibli u ċjoe fil-lokal inkella fir-reġjun skond kif ikun l-iktar prattiku li jsir.

Ir-riformi ma jitfasslux bis-sulluzzu, biċċa biċċa. biċ-ċekċik. Ir-riformi vera iżda jitfasslu b'viżjoni demokratika tas-soċjetà tagħna fejn iċ-ċittadini fl-ibliet u l-irħula tagħna jieħdu t-tmexxija dwar dak kollu li jolqothom mill-qrib direttament f'idejhom.

Din hi l-viżjoni tagħna ta' Alternattiva Demokratika. Viżjoni demokratika u prattika li biha nwarrbu lill-istat ċentrali minn kull fejn ma hemmx ħtieġa tiegħu u minflok inqegħdu fil-prattika demokrazija iktar qrib in-nies bis-setgħa f'idejn il-politiċi fl-ibliet u l-irħula tagħna. Setgħa li tkun mifruxa f'ħafna jdejn biex ħadd ma jitlagħlu l-poter għal rasu,

Is-setgħa trid tibqa' viċin in-nies. Gvern Lokali u Gvern Reġjonali b'saħħtu jagħti kontribut biex dan iseħħ. Għalhekk dawn il-proposti.

www.alternattiva.org.mt